# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
***CITTÀ FERDINAND***

## MINUTI

## SEDUTA NRU 263 – It-Tnejn 8 t'April, 2013

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00p.m. Ippresieda s-Sindku, l-Avukat Dr Karol Aquilina.

## PREŻENTI
Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Kunsilliera s-Sinj. Mariette Borg
Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar
Il-Kunsillier Emanuel Cutajar
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti
Il-Kunsillier Dr Mark Anthony Vassallo

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

**ASSENTI SKUŻAT**
Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva komunikat mingħand il-Kunsillier Mario Cachia fejn talab li jkun skużat billi kien indispost għal raġuni valida. Is-Sindku ippropona li din it-talba tintlaqa'. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## TALBA
Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## 1. ĦATRA TA' KUNSILLIER u VIĊI-SINDKU ĠODDA
Is-Sindku qal li wara r-riżenja tas-Sur Ryan Callus kienet saret *bye-election* u li fiha ġie elett is-Sur Emanuel Cutajar. Dan kien se jieħu l-ġurament fil-jiem li ġejjin. Is-Sindku stiednu biex jsegwi s-seduta.

Billi, wara r-riżenja tas-Sur Ryan Callus, il-Kunsillier Dr Mark Anthony Vassallo kien kiseb it-tielet l-akbar għadd ta' voti fl-aħħar elezzjoni tal-Kunsilli Lokali fil-partit li ġab il-maġġoranza tal-Kunsilliera, is-Sindku talbu jiddikjara jekk kienx qed jaċċetta li jieħu l-kariga ta' Viċi-Sindku.

Il-Kunsillier Dr Mark Anthony Vassallo wieġeb fl-affermattiv. Hu se jieħu l-ġurament fil-jiem li ġejjin.

Is-Sindku qal wara li kien hemm bidla fil-kompożizzjoni tal-Kunsill, kien se jiltaqa' individwalment ma' kull kunsillier biex jiġi diskuss tqassim ġdid tad-dikasteri.

## 2. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta nru. 262 ikunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

### 3.1 Triq il-Għid

Is-Sindku ippropona li fis-seduta li jmiss għandna nistiednu lir-residenti ta' Triq Papa Pawlu VI għal diskussjoni dwar l-arranġamenti tat-traffiku.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 2.3 Restawr tal-Istatwa ta' San Pawl

Is-Sindku qal li l-applikazzjoni mal-MEPA kienet ġiet reġistrata mill-Perit Bernard Formosa.

### 2.4 Triq il-Girgenti

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva tweġiba pożittiva mingħand Transport Malta dwar il-proposta tal-Kunsill. Is-Sindku qal li qabel tkun attwata, kien se jerġa' jkellem lir-residenti ikkonċernati.

### 2.5 Ċaqliq ta' *Bring-in sites*

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-*bring-in sites* ta' Triq Lapsi u Triq Dun Manwel Zammit ġew spustjati u mibdula ma' *bins* iżgħar li tpoġġew kif miftiehem f'seduta preċedenti fi Triq l-Imwieġel u Triq Dun Anton Vella. Madankollu kien daħal ilment minn residenta ta' Triq l-Imwieġel li oġġezzjonat għat-tpoġġija tal-*Bins* f'din it-triq.

Il-Kunsill sema' dan l-ilment u s-Sindku qal li sa seduta oħra l-Kunsilliera għandhom jipproponu alternattivi oħrajn għal dan is-sit.

## 4. FINANZI

### 4.1 Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti.

Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsilliera Mariette Borg issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 5 ĦWEJJEĠ OĦRA

## 5.1 Wirja ta' Ritratti Antiki

Is-Sindku ippropona li tiġi organizzata Wirja ta' ritratti antiki tas-Siġġiewi u l-madwar tiegħu. Is-Sindku ppropona li din il-wirja ssir bejn il-Ħamis 27 u l-Ħadd 30 ta' Ġunju (fil-jiem tal-Festa ta' San Nikola), fiċ-Ċentru Ċiviku. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkumenta li għandna naraw li tkun salvagwardjata s-sigurtà tal-post.

Il-Kunsilliera Mariette Borg issekondiet u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.
Is-Sindku u s-Sin. Borg għandhom jiltaqgħu biex jikkordinaw dan il-proġett.

## 5.2 Mixjiet Kulturali

Il-Kunsilliera Borg issuġġeriet li għandna nibdew norganizzaw mixjiet kulturali fil-lokalità tagħna. Is-Sindku qal li filwaqt jaqbel ma' din l-idea, kien se jikkuntattja lill-President tal-Għaqda Kulturali Siġġiewi biex jesploraha miegħu.

## 5.3 *Life-Long Learning*

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kellu laqgħa ma' uffiċjal tas-Sezzjoni dipartimentali li torganizza l-imsemmija korsijiet. Huwa qal li l-korsijiet li qed jingħataw din is-sena, i.e. l-Ingliż, it-Taljan, il-Malti u l-Bizzilla, se jitkomplew u se jiżdiedu xi korsijiet oħrajn. Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jiċċirkola l-informazzjoni kollha mal-kunsilliera.

## 5.4 Rimbors tal-ispejjeż tal-*fuel*

Il-Kunsillier Jesmond Tanti qal li l-ħaddiem tal-IPSL li hu assenjat mal-Kunsill juża l-vettura personali tiegħu kemm biex imur minn post għall-ieħor waqt il-ħidma tiegħu kif ukoll biex iġorr l-għodda u materjal ieħor. Dan ifisser li għandu jingħata kumpens tal-ispejjeż li hu jagħmel.

Is-Sindku qal li r-rimbors għandu jsir bil-proċedura normali fejn timtela' *l-expense sheet form* u tiġi ċertifikata mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 5.6 Resurfacing Triq Nikola Saura

Is-Sindku informa lill-Kunsill li kemm is-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll hu personali kitbu u ikkuntattjaw kemm-il darba liS-sur Alex Bonnici ta' Bonnici Brothers Group, il-kuntrattu responsabbli mir-resurfacin ta' Triq Nikol Saura skont il-kuntratt li hemm fis-seħħ taħt l-iskema tal-PPP. Is-Sindku qal li Sur Bonnici kull darba qal li kien se jibda' x-xogħlijiet minnufih. Is-Sindku esprima d-diżappunt tiegħu li minkejja d-diversi assigurazzjoni mis-Sur Bonnici, ix-xogħlijiet kienu għadhom ma bdewx.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ilu minn Ottubru tas-sena 2012 jagħmel kuntatt regolari mas-Sur Bonnici, u kull darba jgħidlu li se jibda x-xogħlijiet minnufih. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li matul il-ġimgħa s-Sur Bonnici kien reġa' qallu li din it-triq għandha tkun lesta sal-aħħar ta' April 2013.

Is-Sindku pproprona li s-Segretarju Eżekuttiv għandu f'isem il-Kunsill jikteb lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex nesprimu n-nuqqas ta' sodisfazzjon tal-Kunsill rigward l-aġir ta' din il-kumpanija. Is-Sindku ppropona wkoll li kemm hu kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv għandhom jibqgħu jinsistu mas-Sur Bonnici biex ix-xogħlijiet fi Triq Nikola Saura jibdew u jitlestew fl-iqsar żmien possibbli.

Il-Viċi Sindku Dr Mark Vassallo ssekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.7 Statwi ta' Tal-Għolja**

Il-Kunsillier Jesmond Tanti ikkumenta dwar l-istat ħażin li jinsabu fih dawn l-istatwi. Is-Sindku qal li kien se jkellem lill-Perit Edward Said biex jagħmel rapport dwarhom.

**5.8 Arranġamenti tat-Traffiku**

Il-Viċi-Sindku qal li rridu nsibu kemm jista' jkun malajr soluzzjoni għal problema tat-traffiku b'mod partikolari dik ta' Triq il-Knisja l-Qadima. Is-Sindku qal li biex isir hekk, irridu l-ewwel insolvu r-rotot tal-Arriva.

**5.9 *Floodlights* fi Triq Mons Mangion**

Il-Kunsillier Jesmond Tanti qal li kienu waslulu diversi ilmenti dwar il-*floodlights* li twaħħlu għal ftuħ tal-*gym* u li għadhom ma nqalgħux.

Is-Sindku qal li dawn issa jistgħu jitneħħew.

Is-Sindku spjega wkoll li saret l-applikazzjoni mal-ARMS għad-dawl u l-ilma li għadha qegħda tiġi pproċessata.

**5.10 Kumitat tal-Għaqdiet**

Il-Kunsilliera Mariette Borg qalet li hemm il-ħtieġa li jitwaqqaf sotto-kumitat biex iżomm liaison mal-għaqdiet tas-Siġġiewi. Is-Sindku ippropona li għandu jitwaqqaf Kumitat tal-Għaqdiet li għalih ikunu mistiedna jaħtru rappreżentant kull għaqda fis-Siġġiewi.

Il-Kunsilliera Mariette Borg issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.11 *Patching***

Il-Kunsilliera Mariette Borg u l-Kunsillier Nicholas Cassar staqsew dwar il-*patching* ta' diversi toroq. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kien infurmat li l-ħaddiema tad-Dipartiment kienu ġew assenjati temporanjament fuq il-proġett ta' Bormla. Hu qal li jittama li fi ftit jiem oħra x-xogħol tal-*patching* jitkompla.

**5.12 Mera fil-limiti ta' Ħal Xluq**

Il-Kunsillier Nicholas Cassar ippropona li ssir mera fi triq li għandha tiġi indikata lill-Works Manager. Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.13 Kors tal-First Aid**

Il-Viċi-Sindku ippropona li matul is-sajf li ġej norganizzaw kors tal-First Aid fil-Kunsill. Is-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fit-8.30pm u ippropona li s-seduta li jmiss titlaqqa' nhar it-Tnejn, 6 ta' Mejju fis-7.00 p.m. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

| | |
|---|---|
| **L-Avukat Dr Karol Aquilina** | **Is-Sur Nikol Baldacchino** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum it-Tnejn, 6 ta' Mejju, 2013.**

APPROVAL OF PAYMENTS
Financial year 2013

| DETAILS | DEBIT | CREDIT |
|---|---|---|
| n.baldacchino - bonus march13 | 121.13 | |
| r.giorgino - bonus march13 | 121.13 | |
| m.muscat - bonus march13 | 121.13 | |
| a.borg - bonus march13 | 78.65 | |
| salaries march13 | 4679.12 | |
| honoraria to mayor march13 | 669.94 | |
| cassie cutajar - clerikal work saturdays march13 | 86.40 | |
| avantech - toner for photocopier tax only inv162765 | 5.50 | |
| j.marmara - 2 gas cylinders inv887 (to pay jesmond) | 36.30 | |
| regjun nofsinhar - refund legal services payment 2011 rec 13367 | | 125.00 |
| technosoft - payroll period 1/5/13-30/4/14 inv1770 | 123.90 | |
| p.farrugia - minerals inv716 | 49.00 | |
| gianluca pace - floodlighting mixghela inv 2/4/13 | 1231.92 | |
| a.aquilina - attendant library march13 | 124.20 | |
| police - service mixghela inv48400 | 908.40 | |
| central asphalt ltd - cold asphalt for patching march13 inv45988 | 708.65 | |
| wasteserv malta - msw waste feb13 inv33972 4502.80 | | |
| medialink - books for public library inv51145 | 229.14 | |
| greenlines - hiring mobile toilets mixghela inv 24878 po34/13 | 94.40 | |
| mecca - playequipment outdoor gym inv6644 | 995.52 | |
| xuereb - waste collection feb13 inv7890834 | 5711.41 | |
| xuereb - waste collection march13 inv7890835 | 5711.41 | |
| callus landscaping - planting public spaces march13 inv16 | 2710.16 | |
| daniel cutajar - bulky refuse march13 inv4 | 313.10 | |
| klikk - printer cartridges inv7603 | 210.00 | |
| book distributions bdl - books for library inv206403 | 287.66 | |
| image systems - photocopies A1 inv127457 to pay nikol | 17.48 | |
| cir - march13 | 1746.32 | |
| sliema hotel - accomodation Screens project 9-13/5/13 inv27/2013 | 120.00 | |
| arms - bowling pitch 9/1/13-8/3/13 inv16677889 | 340.21 | |
| alex camilleri - public conveniences march13 inv71 | 847.43 | |
| carmen's bar - refreshments icw mixghela 2013 | 88.00 | |
| jesmond tanti - refreshments mixghela 2013 receipts provided | 67.18 | |
| n.mizzi - cleaning of council premises march13 54hrs x6 | 324.00 | |
| milord - cleaning council premises march13 inv288 | 3753.46 | |
| milord - watchman+garr ta generator mixghela inv287 | 685.00 | |
| milord - diesel for generator mixghela inv1/4/13 | 702.00 | |
| n.baldacchino - snacks for mixghela | 75.00 | |
| j.gatt - supervisor of works march13 | 799.46 | |
| ganaja - civil works outdoor gym 31037.03-1551.85mf interim | 23588.14 | |
| ganaja - lighting outdoor gym 13738.98-686.95mf interim | 10441.63 | |
| forestals - equipment outdoor gym 30160.05-1508mf interim | 34382.45 | |
| | | |
| | | |